MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Numru. 47/2004

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 15 (1) (a) u t-Tieni Skeda tal-Kap 65, 96 (a), 338 (ee)**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**V**

**CORONATO PORTELLI**

**Seduta ta' llum 14 ta' Lulju 2005**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CORONATO PORTELLI** bin Anthony u Nazzarena nee Muscat imwieled nhar is-7 ta' Novembru, 1961u residenti "Dar ix-Xabbata", Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 51061G gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-25 ta' Lulju, 2004 ghall-habta ta' 6.40pm fi Triq Sannat, Ghawdex;

1. Saq vettura numru EBA 824 Toyota b'manjiera traskurata;
2. Perikoluza;
3. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija;
4. Hebb ghall-istess PC 1371 persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi;
5. U aktar talli saq l-istess vettura fil-pjazza ta' Sannat waqt li kienet maghluqa ghat-traffiku.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba li barra l-piena timpeddixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li jidrilha xieraq.

Rat l-inkartament kollu tal-process, inkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar id-disgha ta' Frar, 2005 esebit fl-atti a fol 19 sabiex din il-kawza tigi deciza bhala Qorti ta' gudikatura kriminali.

Semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe` lil **PS 1233 John Attard** jghid li fil-hamsa u ghoxrin ta' Lulju, 2004 fil-festa ta' Santa Margherita, ghall-habta ta' 6.40pm waqt li kien qed jghalaq id-dhul ghall-pjazza bghat lil PC 1371 jghalaq id-dhul minn Sannat Road li tghati ghal gol-istess pjazza u dan ghaliex ftit qabel kienu nehhew il-barrier ghaliex kienu dehlin xi karozzi.

F’hin minnhom jghid li gie Coronato Portelli bil-vettura tieghu pick-up bin-numru ta’ registrazzjoni EBA 824 u ra lill-pulizija jghamillu sinjal biex jghaddi minn triq ohra, Triq 28 ta’ April, pero’ dan nonostante l-imputat irrazja l-pick-up, il-Pulizija warrbu fil-gemb, l-imputat laqat il-barrier u baqa ghaddej. Kien f’dak il-hin illi huwa ghamel sinjal lill-imputat biex jieqaf, izda huwa baqa ghaddej qisu ma kien xejn. Fil-pjazza dak il-hin jghid ix-xhud li kien hemm hafna nies.

Huwa ikkonferma li l-Pulizija kien caqlaq il-barrier biex jghaddu zewg karozzi li kien hemm fil-pjazza li riedu johorgu ‘l hemm u kien meta l-Pulizija kien qed jerga ipoggi l-barrier li l-imputat ittenta jghaddi u fil-fatt tajjar l-istess barrier billi hakek l-barrier mal-bumper. Zied jghid li kieku l-Pulizija ma resqitx minn nofs, l-imputat kien itajjru.

**Xehed ukoll PC 1371 Alfred Grech**, li jghid li kien hu li kien qed icaqlaq il-barrier biex jghaddu zewg karozzi li kienu wara xulxin hergin mill-pjazza ghaliex keinet ser tghaddi l-purcissjoni. Wara li ghaddew dawn il-karozzi huwa rega ghalaq il-pjazza bil-barrier u gie l-imputat li gharaf prezenti fl-awla bil-pick-up bin-numru ta’ registrazzjoni EBA 842 u waqaf quddiem il-barrier. L-imputat ghamillu sinjal b’rasu u huwa qallu li t-triq kienet mghaluqa u kellu jghaddi minn triq ohra, Triq 28 ta’ April. L-imputat dak il-hin dawwar rasu, ta’ l-gas u saq ghal fuq il-barrier u ghal fuqu. Huwa resaq la gemba, l-imputat laqat il-barrier u baqa ghaddej bil-pick-up ghal gol pjazza.

Mistoqsi jekk l-imputat rahx jaghmel sinjal biex jieqaf, huwa wiegeb fl-affermattiv ghaliex fil-fatt stqarr illi l-imputat waqaf qabel il-barrier. Huwa ikkonferma li fl-ebda hin ma kellmu izda jaf li fehmu mis-sinjali.

**L-imputat Coronato Portelli** xehed nhar it-tnax ta’ April, 2005 u spjega kif dakinhar tal-festa huwa kien hiereg mill-pjazza u f’xi hin ra lill-Pulizija icaqlaq il-barrier ghaliex kienu ser jgahddu zewg karozzi l-Pulizija dak il-hin kien b’daru lejh. Huwa baqa ghaddej u meta l-karozzi li kienu gejjin mid-drezzjoni opposta ghaddew, hu ghamel l-istess, u ghadda warajhom. Huwa cahad li l-Pulizija waqqfu jew

kellmu jew li hebb ghalih. Pero' mistoqsi jekk f'xi hin huwa missx il-barrier bil-bumper tieghu, huwa qal li ma jafx. Cahad b'mod kategoriku li l-Pulizija f'xi hin kellmu.

Illi l-provi huma li huma u l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' certu fatti. L-imputat minn naha jichad dak li qal l-Pulizija dwaru li hu f'xi hin kien ser itajjar xi ufficjal tal-Pulizija jew li ma obdiex l-ordnijiet tal-Pulizija, pero' minn naha l-ohra jammetti li huwa ghadda mit-triq fejn kien hemm barrier.

Illi d-difiza donnha fissret fit-trattazzjoni taghha li l-Qorti hija rinfaccjata b'xieda konfliggenti li ghandha tmur favur l-imputat. Hawnhekk, dwar dan il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza mghotija mill-**Qorti tal-Appelli fl-ismijiet il-Pulizija vs Paul Attard deciza nhar is-sbatax ta' Mejju, 1999 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali** fejn gie ritenut li;

*"Hu veru li mhux kull darba li hemm zewg xhieda li jghidu l-oppost, allura awtomatikament hemm bilfors konflitt ta' provi. Il-provi ta' provi jezistu meta dawn iz-zewg verzjonijiet, li t-tnejn ikunu accettabbli, possibbli u verosimili, il-Qorti ma tkunx f'posizzjoni ta' certezza morali li tista tacccetta verzjoni wahda u tiskarta l-ohra".*

F'sentenza ohra mghotija ukoll mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Nicol Mallia** nhar is-sbatax ta' Mejju, 1999 gie ritenut li;

*"Minkejja l-fatt li jista ghad hemm zewg verzjonijiet konfliggenti tal-istess fatt, jekk il-Qorti tara li l-verzjoni minnhom hija dik l-aktar kredibbli jew verosimili, allura hi tista tiddeciedi a bazi ta' dik il-verzjoni u tiskarta l-ohra".*

Din il-Qorti ghamlet apprezzament tal-fatti kif migbura u thoss illi l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li l-imputat ghadda minn triq li kienet blokkata ghat-traffiku billi mar fuq il-karreggjata zbaljata tat-triq kif del resto ammetta l-istess imputat u ghalhekk saq b'manjiera traskurata. Illi pero' fil-fehema taghha l-Prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova li l-imputat ma obdiex l-ordni legittma ta' xi ufficjal

tal-Pulizija jew li ittenta ihebb ghalih waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni ta' ligi, li jew saq b'manjiera perikoluza.

Il-Qorti tirrileva li l-kliem uzat mill-Prosekuzzjoni fil-hames akkuza mhumiex felici u kellhom jinqraw li saq "ghal gol-pjazza bi ksur ta' sinjali li juri li m'hemmx dhul".

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` 15 (1) (a) u t-Tieni Skeda tal-Kap 65, 96 (a), 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat hati tal-ewwel u l-hames akkuzi u tikkundannah multa ta' erbghin lira Maltin (Lm40) u mhux hati tat-tieni, tielet u raba akkuzi u tilliberah minnhom.**

**Il-Qorti tordna ukoll li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' gimgha mill-llum.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------